# IS-SINJURA MARIJA AGOSTINA TABONE

*minn Consilglia Azzopardi*



Il-ħara ċentrali tar-raħal ta' Sannat hi magħmla minn diversi partijiet. L-aktar magħrufa, min-naħa tal-konfini tar-raħal tax-Xewkija san-naħa tal-Munxar, sewwa sew quddiem il-knisja parrokkjali, hemm il-qasam tas-Sinjura, laqam ta' ċerta Marija Tabone.

Wara l-mewt ta' l-ewwel kappillan fil-parroċċa ta' Sannat, Dun Lażżru Camilleri, ġie maħtur bħala kappillan warajh Dun Alessandru Aquilina saċerdot żgħażugħ magħruf għall-għerf tiegħu. Għalhekk il-familja ta' Dun Xand ġew joqgħodu ta' Sannat u fosthom kien hemm is-sinjura Marija[1].

**Il-Kappillan Dun Alessandru Aquilina**

Alessandru twieled iż-Żebbuġ, Għawdex, nhar it-28 t'Ottubru 1684, bin Salvu u Tereza Aquilina. Dik il-ħabta ż-Żebbuġ kien għadu kontrada fil-limiti tal-knisja Matriċi t'Għawdex. L-istoriku Għawdxi De Soldanis kien jafu personalment lil Xandru, u jgħid li dan kien tfajjel b'sura sabiħa u b'moħħ li jerfa', tant li kull min kien jafu qal mill-ewwel li hu tajjeb mhux ftit biex jitgħallem kull ma jrid. Imħajjar mill-ġenituri tiegħu u megħjun minn niesu, telaq biex jistudja fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, l-Belt Valletta, li kien fetaħ l-iskola fl-1593. Dan seta' jagħmlu għax missieru kien tat-tajjeb billi kien proprejatrju ta' diversi artijiet. Fil-kulleġġ kien dejjem l-ewwel fost sħabu u speċjalizza fit-Teoloġija Morali, b'mod li ħadd ma kien iħabbatha miegħu.

Nhar is-16 ta' Marzu 1709, ġie ordnat saċerdot mill-Isqof David Cocco Palmeri. Wara l-ordinazzjoni rritorna fiż-Żebbuġ fejn beda jagħmilha ta' prokuratur tal-knisja li issa kienet saret parroċċa. Nhar it-18 t'Ottubru 1709, Dun Alessandru nħatar it-tieni kappilan ta' Sannat, meta kien baqagħlu għaxart ijiem biex jagħlaq il-25 sena.

Dun Xand barra li jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' kappillan kien laħaq ukoll lettur tat-Teoloġija Morali fl-iskola tal-Matriċi. Għalhekk ma kellux għalfejn jitla' iżjed lejn iż-Żebbuġ billi l-familja tiegħu kienet niżlet toqgħod miegħu f'ta. Sannat. Barra missieru Salvu u ommu Tereża, ġew seba' ħutu, li kienu Pietru Pawl li mbagħad iżżewweġ f'ta' Sannat[2] nhar it-18 t'Awissu 1720,[3] Xmun, Noe, Marija Agostina, Ġwanni, Ġużeppi, Ġwanni Battista, u Pietru Kosma.[4] Iż-żgħir kien twieled iż-Żebbuġ fis-26 ta' Settembru 1706, u kellu 7 snin meta ġie joqgħod mal-ġenituri tiegħu f'Sannat. Trabba kif jingħad, fis-sagristija. Ordna saċerdot nhar l-24 ta' Diċembru 1730, u ħuh Dun Xand fdalu f'idejh it-tmexxija tal-parroċċa ta' Sannat. Fl-1733 Dun Pietru Kosma kien beda jgħin lill-kappillan tax-Xewkija, u fl-10 ta' Diċembru 1734 inħatar ir-raba' kappillan ta' dik il-parroċċa.[5]

1 J. Bezzina, Sannat fi Ġrajjet Għawdex, Gozo, 1989, 188.
2 Ibid, 200
3 Ara r-reġistru taż-żweġijiet, Sannat.
4 Ara r-Reġistru tal-Mgħamudija tal-parroċċa taż-Żebbuġ. Pietru Pawl ma jinsabx fir-raġistru taż-Żebbuġ. Wisq probabli twieled qabel ma ż-Żebbuġ sar parroċċa fl-1688.
5 J. Bezzina, Sannat fi Ġrajjet Għawdex, Gozo, 1998, 200-203.

**Triq Dun Xand Aquilina**

Dak iż-żmien Malta u Għawdex kienu taħt it-tmexxija tal-Gran Mastru Ramon Perellos y Rocaful (1697 - 1720). Il-pajjiż beda għaddej għal żminijiet aħjar, u l-poplu ta' Sannat bil-mod il-mod ma baqax fqir daqs qabel. Kien hawn ħafna xogħol tal-bini fuq il-fortifikazjonijiet. Minn dan l-infiq gawda kulħadd; il-mijiet ta' ħaddiema, l-familji tagħhom u anke l-knisja parrokjali tant għażiża għalihom. Imħabba f'hekk, wara l-1718 fil-knisja ta' Sannat bdew isiru ħafna opri kbar bhal altari, pittura, inbena wkoll kampnar li sa l-1739 kien hemm imdendla fih tliet qniepen.[6]

Żdied ħafna wkoll il-bini tar-raħal. Waħda mill-ewwel djar sbieħ telgħet fl-ewwel triq tar-raħal, it-triq li kienet tibda minn wara l-kor tal-knisja u tkompli lejn ta' Ċenċ. Din id-dar inbniet mill-familja ta' Dun Xand. Ma din id-dar ma damux ma bdew telgħin oħrajn u ħadet sura l-ewwel triq fir-raħal, triq illum imsemmija għal Dun Xand. Din id-dar għadha wieqfa u llum joqgħod fiha Nikol Buttigeig u l-familja tiegħu.

Aktarx li l-aktar bniedem importanti wara l-kappillan kien ikun is-sagristan. F'nofs is-seklu tmintax, fil-knisja ta' Sannat kien hemm xejn inqas minn tliet sagristani, fosthom Gustin Tabone, mill-parroċċa, li kien beda jservi l-knisja fl-1 ta' Lulju 1730.[7]

**Il-Veneranda lampada.**

Id-dħul tal-knisja u tal-kappillan kienu jitħallsu mill-għotjiet ta' flus li l-poplu ta' Alla kien jagħmel għal dan il-għan. Il-flus kienu jinġabru mir-rakkolti fi żmien il-ħsad tal-qoton. Il-prokuratur kien idur bieb bieb jiġbor ftit qoton mingħand kulħadd u mbagħad ibiegħu. Kien isir ukoll il-ġbir tal-maħlut, qamħ u xgħir. Kien hemm xi dħul mill-qbiela tar-raba' tal-knisja. Drabi oħra l-knisja kien imissha xi ħaġa minn xi wirt. Dun Xand per eżempju ħalla għoxrin skud għall-knisja. Dak li jieħu ħsieb kien jissejjaħ il-prokuratur tal-Veneranba Lampada, tal-Lampa Mqaddsa, għax wieħed mid-dmirijiet ewlenija tiegħu kien li jipprovdi ż-żejt jew x-xama' ħalli l-lampier ta' quddiem is-Sagrament jinżamm dejjem jixgħel.[8]

**Marija Agostina.**

Marija Agostina twieldet fis-6 ta' Lulju 1697, u kienet mgħammda fil-parroċċa taż-Żebbuġ. Billi kienet ġiet toqgħod hawn ta' Sannat mal-kappillan, fid-29 ta' Ottubru 1713, iżżewġet fil-parroċċa ta' Sannat, lil Silvestru Tabone, mgħaruf ukoll bħala Agostinu[9] bin Luca u Caterina Tabone.



6 Ibid, 207.
7 Ibid 248
8 Ibid 237
9 Fir-reġistri tal-Magħmudija u taż-żwieġ miktub Silvestru, waqt li fit-testment u fir-reġistru tal-mewt imniżżel Agostinu.

Silvestru Tabone twieled f'Sannat, fid-19 ta' Lulju 1689,[10] l-kbir fost erbat aħwa. Joseph Bezzina fil-ktieb "Sannat fi Ġrajjet Għawdex," jinnota kif: "l-ewwel magħmudija b'żewġ parrini kienet dik ta' Silvestru Tabone nhar id-19 ta' Lulju 1689. Missier jew omm Silvestru kienu mnissla miż-Żebbuġ għax fil-fatt il-magħmudija saret f'dik il-parroċċa bil-permess ta' Dun Lażżru (l-ewwel kappillan ta' Sannat). Il-parrini kienu Salvu Aquilina u martu Teresa jiġifieri missier u omm il-futur kappillan ta' Sannat Dun Xand".[11]

Marija u Silvestru Tabone kienu joqgħodu f'dar oħra kbira bir-raba' magħha, maġenb il-knisja. Fir-reġistru tal-magħmudija tal-parroċċa ta' Sannat, m'hemmx imniżżel twelid ta' wlied. It-tnejn li huma kellhom imħabba kbira lejn il-qadi tal-knisja, u fejn setgħu dejjem għinu lill-kappillan li kien jiġi ħu Marija. Silvestru, magħruf ukoll bħala Agostinu, aktarx kien s-sagristan tal-knisja, msemmi hawn fuq bħala Gustin Tabone.

Minn testment li kien sar fis-27 ta' April 1739, tidher ir-rabta familjari li kienet teżisti bejn il-kappillan Dun Xand u Silvestru Tabone. "In oltre Reverendissimo Signor Parroco Don Alessandro Aquilina del fu Salvo e il detto Agostino Tabone suo sogniato... per il gran affetto e benevolenza che hanno verso la sudetta Maria, loro respetivamente sorella e moglie.."

Dawn it-tnejn ħallew lil Marija l-użu frott ta' ħafna raba' u beni oħra kemm f'Sannat u kif ukoll fiż-Żebbuġ. Jissemmew ukoll id-deheb, il-ġojjelli, perli, fidded, ħwejjeġ, flus u annimali akkwistati bil-bżulija u l-għaqal tax-xogħol tagħhom. Milli jidher il-familji tat-tnejn kienu tat-tajjeb, u kienu wirtu ħafna ġid minn għand il-ġenituri tagħhom. Fuq kollox in-nies tar-raħal stess kienu jsejħulha s-Sinjura.

Mil-pittura tar-ritratt tas-Sinjura Marija, jidher ċar mill-istil ta' l-ilbies tagħha, li ma kienetx mara komuni tar-raħal. Għalkemm mhix liebsa bizzilel fini bħan-nobbli ta' żmienha, imma tidher liebsa x-xemiżetta bir-rakkmu tad-deheb fuq drapp tal-bellus skur. Ma' rasha għandha l-maktur abjad tal-musulina li jinqafel taħt ilħitha, sreċis kif kienu jilbsu n-nisa sinjuri ta' Malta. F'idejha t-tnejn iġġorr brazzuletti wiesa' tal-perli, u ġelikor pariġġ madwar għonqha.

Il-kapillan Dun Xand miet wara marda qasira, nhar it-22 ta' Mejju 1744, fl-eta ta' 59 sena, u kien midfun fil-knisja parrokjali. Snin wara, Dun Pietru Kosma u oħtu Marija għamlulu rħama fuq qabru.[12]

**Id-dar ta' l-arċipriet**

Silvestru Tabone miet nhar l-4 ta' Lulju 1762, ta' 73 sena.[13] Fil-21 ta' Diċembru 1778, is-Sinjura Tabone għamlet testment fejn ħalliet id-dar tagħha bil-ġnien fil-casal Sannat, fejn hi kienet tgħix, lill-knisja parrokjali. Ħalliet ukoll erba' ritratti, wieħed ta' l-Isqof Alferan, l-ieħor ta' l-isqof Pellerano, ieħor tal-Kappillan Dun Xand, u l-ieħor tal-Kappillan Pietru Aquilina. Kien hemm ukoll żewġ kwadri kbar mingħajr gwarniċ, wieħed ta' San Duminku, u Sant'Anton, l-ieħor ta' Santa Katerina. Ħalliet ukoll erba kwadri tal-intrata, erba' bankijiet, ħames bsaten tal-purtieri, tlett siġġijiet tad-dirgħajn, erba' siġġijiet oħra tat-tamburlin u pultruna.[14] Minn dawn il-mobbli jidher li d-dar tas-Sinjura kienet mgħammra sewwa b'oġġetti li żgur ma kienux il-kumdita' tan-nies tar-raħal.

Is-Sinjura Tabone mietet fl-14 ta' Awissu 1782, fl-eta ta' 85 sena. Id-dar tagħha li tmiss mal-knisja Parrokkjali, għadha sal-lum isservi bħala d-Dar ta' l-Arċipriet. Ir-raba tagħha jinfirex minn quddiem il-knisja sal-qasam u għadu jissejjaħ tas-Sinjura. Il-flus li jidħlu mill-legati mħolllija minn Marija u Agostino Tabone jservu għall-qadi tal-knisja ta' Santa Margerita.

Għalhekk hu xieraq u ta' min ifakkar il-ġenerosita' ta' dawk li għexu qabilna, u li aħna għadna ngawdu frott għaraqhom u ħwejjiġhom. Nies bħal dawn huma wkoll ta' min jimitahom.

10 Ara r-Reġistru tal-Magħmudija, parroċċa Sannat.
11 J. Bezzina, Sannat fi Ġrajjet Għawdex, Gozo 1989, 191. Jista jkun li kien hemm parentela bejn iż-żewġ familji.
12 Ibid, 208.
13 Ara r-Reġistru tal-Mewt, Parroċċa Sannat
14 Ara Testment ta' Marija Tabone, 21 ta' Diċembru 1778.